# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 16 ta April 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Omissis**
**Mario Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Omissis**; u

**Mario Mallia** ta' 20 sena u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 19998M.

**Lil Omissis wahdu akkuzat talli:**

Nhar it-15 ta' April 2018 ghal habta tas-18:30hrs, fl-inhawi tal-Kappella ta' Santu Kristu gewwa Hal Ghaxaq, u f' dawn il-Gzejjer, waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux fuq il-bahar, sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, kien barra fil-miftuħ fil-kampanja, sew jekk fuq l-art tieghu sew jekk fuq l-art ta' xi persuna oħra, jew ukoll barra minn dik l-art, u garr

arma tan-nar jew munizzjoni għat-teħid tal-kaċċa u dan bi ksur ta' Regolament 15 tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42);

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta' Regolament 18 (1) (a) tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42);

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolament u dan bi ksur ta' Taqsima 2, tar-Regolament 27(1)(b) SL 549.42.

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkonfoffa jew ittanta, jew ghen, ta pariri jew flus lill xi hadd iehor biex jikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex jikser xi restrizzjoni jew htiega mposta minn jew taht dawn ir-regolamenti, tkun hatja ta'reat taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' Taqsima 2, tar-Regolament 27(1)(d) SL 549.42.

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar tal-marka Luigi Franchi bin-numru tas-serje T07223 minghajr ma kellu licenza taht dan l-Att u dan bi ksur tal-Artiklu 5 (1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala detentur ta' licenza taht xi disposizzjoni ta' dan l-Att dwar l-armi naqas milli jhares il-pattijiet tal-licenza jew li kellu fil-pussess jew kien igorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux specifikati fil-licenza mahruga lilek u dan bi ksur ta l-Artiklu 52 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'hekk sar ricediv b'sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 (2) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenza jew permess mahruga taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni

ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba wkoll tordna l-konfiska ta’ l-arma tan-nar u l-munizjon li kienu qed jinzammu jew jingarru hekk kif spjegat taht id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 56 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba inoltre tħassar jew tissospendi liċenza maħruġa taħt il-KAP 480 u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi liċenza taħt dan l-Att għal żmien mhux iżjed minn ħames snin meta dik il-persuna tinsab ħatja ta’ reat taħt dan l-Att.

**Lil Mario Mallia wahdu akkuzat talli:**

Nhar il-15 ta’ April, 2018 ghal habta tas-18:30hrs, fl-inhawi tal-Kappella ta’ Santu Kristu gewwa Hal Ghaxaq, u f’dawn il-Gzejjer, waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux fuq il-bahar, ikkonfoffa jew ittanta jew ghen jew ta pariri jew flus lil xi hadd iehor biex jikser xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jew biex jikser xi restrizzjoni jew htiega imposta minn jew taht ir-regolamenti, ikun hati ta’ reat taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta’ Taqsima 2 tar-regolament 27 (1) (d) SL 549.42.

B’hekk sar recediv b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma’ jistghux jigu mibdula.

Rat li l-imputat Mario Mallia ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat Mario Mallia ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, kif ukoll l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qort wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 27(1)(d) ta'l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 (SL 549.42), fuq ammissjoni ssib lill-imputat Mario Mallia hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**